**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 21 ta' Lulju 2016**

**Pulizija**

**Spettur Priscilla Caruana Lee**

**Vs**

**Nikolina Ilieva**

**Stefka Ilieva**

**Gosho Gorgiev**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Nikolina Ilieva ta' 42 sena, imwielda Pirdop Bulgaria fl-24 ta' Marzu 1974, bint Boris u Ginka minghajr residenza gewwa Malta u detentrici tal-karta tal-identita Bulgara numru 645302965, indirizz gewwa l-Bulgaria numru 10, Maritsa Street, Katunitsa, u numru personali 7403245431;

Stefka Ilieva ta' 24 sena, imwielda Plovdiv Bulgaria fil-11 ta' Dicembru 1991, bint Ivan u Nikolina minghajr gewwa residenza Malta detenrici tal-karta tal-identita' Bulgaria numru 644122534, indirizz gewwa l-Bulgaria numru 10, Maritsa Street, Katunitsa, u numru personali 9112114376;

Gosho Georgiev ta' 22 sena, imwieled Pernik Bulgaria fis-26 t'April 1993, iben Vasil u Nikolina minghajr residenza gewwa Malta u detentur tal-karta tal-identita Bulgara numru 646366336, indirizz gewwa l-Bulgaria 31 Floor 1, App 1, Complex 'Arkata', Radomir Street, Bulgaria;

Lil Gosho Georgiev wahdu talli fl-20 ta' Lulju 2016 ghall-habta tat-15:15hrs gewwa Triq ir-Repubblika, il-Belt:

1) Ikkommetta serq semplici ta' kartiera li fiha kien hemm ammont ta' euro, liem ammont ma jeccedix il-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha w disghin centezmu (€232.94) ghad-detriment ta' persuna jew persuni mhux mgharufa.

Lil Stefka Ilieva wehidha gewwa dawn il-Gzejjer irrendiet ruhha komplici:

2) Billi kkommettiet serq semplici ta' kartiera li fiha kien hemm ammont ta' euro, liem ammont ma jeccedix il-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha w disghin centezmu (€232.94) ghad-detriment ta' persuna jew persuni mhux mgharufa.

Lil Nikolina Ilieva wehidha b'diversi atti maghmulin minnha, wkoll jekk fi zminijiet differenti, jkunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, w ikunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda talli fix-xahar ta' Lulju 2016 gewwa dawn il-Gzejjer irrendiet ruhha komplici:

3) Billi fl-4 ta' Lulju 2016 ghall-habta tal-10:15hrs gewwa Triq ir-Repubblika, il-Belt ikkommettiet serq semplici ta' kartiera li fiha kien hemm ammont ta' 175euro, liem ammont ma jeccedix il-mitejn u tnejn u tletin euro u

erbgha w disghin centezmu (€232.94) ghad-detriment ta' Maria Carmela Attard u/jew persuna jew persuni ohra;

4) Billi fl-20 ta' Lulju 2016 ghall-habta tat-15:15hrs gewwa Triq ir-Repubblika, il-Belt ikkommettiet serq semplici ta' kartiera li fiha kien hemm ammont ta' euro, liem ammont ma jeccedix il-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha w disghin centezmu (€232.94) ghad-detriment ta' persuna jew persuni mhux mgharufa.

Akkuzati wkoll tall- f'dawn il-Gzejjer fix-xahar ta' Lulju, 2016:

5) Ghexu hajja ta' ghazz u vagabundagg.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputati rregistraw ammissjoni f'dawn il-proceduri, fil-21 ta' Lulju 2016, li giet ikkonfermata minnhom wara li nghataw iz-zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidraw sew l-ammissjoni taghhom, u wara li l-Qorti wissiethom solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illil, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 42(d), 49, 50, 261, 284, 289 u 338(w) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputati;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmijin imputati Gosho Georgiev u Stefka Ilieva hatja tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni w qieghda tikkundannhom ghal sitt xhur prigunerija sospizi ghal tmintax-il xahar ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U lil Nikolina Ilieva ssibha wkoll hatja tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzoni w qieghda tikkundannha ghal sena prigunerija sospizi ghal tliet snin, ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputati.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**